MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 16/2002/1

**George Galea**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' George Galea a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-appellant kien applika ghal *"fixed site location for mobile kiosk"* f'sit f'Ghar id-Dud, Sliema (PAB 383/00 TSC) (PA 1039/00).

Illi l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp wara talba ghal rikonsiderazzjoni ghas-segwenti ragunijiet:-

*"1. The proposal infringes paragraph 5.3 of the 'Policy Development Control Guidance – Kiosks' approved in May 1994, since no kiosks will be permitted within 500 m of an existing kiosk.*

*2. The proposed development is incompatible with the urban design and environmental characteristics of the area. It would not maintain the visual integrity of the area and so does not comply with Structure Plan Policy BEN 2.*

*3. The proposal infringes paragraph 5.9 of the 'Policy Development Control Guidance — Kiosks' approved in May 1994, since the design of the Kiosks is not in accordance with the approved policy."*

Illi l-appellant appella minn tali decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvliupp u qal is-segwenti:

*"My client, Mr George Galea, is in receipt of a refusal of Development Permission for a 'fixed site location for mobile kiosk'.*

*I am submitting this Appeal Against Refusal based on the following points:*

*1. This application for this 'fixed site location for mobile kiosk' is a result of a decision of the 'Injustice Tribunal' findings that Mr. Galea should be allocated a site near the 'Fortizza', as near as possible to the location originally occupied by Mr. Galea's kiosk.*

*2. The application was submitted following the Commissioner of Police's insistence that a Planning Authority permit was needed.*

*As such I would request the Appeals Board to consider the following:*

*a) That the 'Injustices Tribunal' decision relates to the re-granting of a permit which Mr. Galea held and as such, should be based on criteria existing at the time (i.e. in the 80's).*

*b) That the 'Injustice Tribunal' decision/recommendation regarding such an injustice is mandatory, and as such the Planning Authority is bound to abide by such a decision.*

*c) That the other reason given in the refusal such as the design, etc of the kiosk are resolveable matters and can be easily overcome.*

Illi l-Awtorita' ghamlet ir-risposta taghha ghall-appell u tat ir-ragunijiet taghha ghal tali rifjut. Ir-ragunijiet huma s-segwenti:-

*1. The proposal infringes paragraph 5.3 of the 'Policy Development Control Guidance – 'kiosks' approved in May 1994, since no new kiosks will be permitted within 500m of an existing kiosk.*

*2. The proposed development is incompatible with the urban development and environmental characteristics of the area. It would not maintain the visual integrity of the area and so does not comply with the Structure Plan policy.*

*3. The proposal infringes paragraph 5.9 of the 'Policy Development Control Guidance - Kiosks' approved in May 1994, since the design of the kiosks is not in accordance with the approved policy.*

Illi permezz ta' decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar datata 5 ta' Gunju, 2002, il-Bord cahad l-appell ta' l-appellant George Galea u ikkonferma r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp.

Illi l-appellant hassu aggravat b'tali sentenza u qieghed jinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravji ta' l-appellant huma car u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

1. Illi bir-rispett kollu l-appellant ma' jistax jaqbel ma' dak li qal il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar meta qal is-segwenti:

*"Illi minn ezami ta' l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni, dan il-Bord huwa tal-fehma illi din l-applikazzjoni ghandha tigi kkunsidrata unikament fuq il-merti taghha u l-fatturi li ghandhom jigu kkunsidrati huma dawk kollha li jistghu jkun rilevanti ghall-kaz in ezami bill-fattispecie partikolari taghha u mhux unikament minhabba decizjoni li qieghed jiccita l-appellant li ghaliha l-Awtorita' ma kenitx parti. Is-sentenza ta' l-Onorabbli Tribunal ta' l-Ingustizzji ma torbot l-ebda mod illi l-Awtorita' u lanqas lil dan il-Bord izda tikkostitwixxi biss prova ta' decizjoni fir-rigward ta' ingustizzji fil-konfront ta' l-appellant da parti tal-Kummissarju tal-Pulizja flimkien ma' ordni lilu sabiex din l-ingustizzja tigi rimedjata u ghaldaqstant, ghandhom jigu ikkonsidrati l-ewwel u qabel kollox il-policies rilevanti ta' l-ippjanar u l-Awtorita' ghandha tizgura illi l-izvilupp propost jikkonforma maghhom."*

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-Awtorita' ma kenitx parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' l-Ingustizzji dan ma jfissirx illi d-decizjoni *ossia* rakkomandazzjoni tat-Tribunal m'ghandhix tigi implimentata fit-totalita' taghha.

Illi l-appellant jaghmel ampja riferenza ghal dak li jipprovdi **l-Att VIII ta' l-1997. L-artikolu 7(10)** jipprovdi s-segwenti:

*"Ikun fid-dmir tar-Registratur li jizgura li d-decizjoni tat-Tribunal tintbaghat lill-Prim Ministru fi zmien ghaxart ijiem minn meta tinghata."*

*In oltre*, **s-sub-artikolu (11)** jghid is-segwenti:

*"Ikun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonjiet."*

Illi ghalhekk l-Awtorita' ma tistax tinterpreta d-decizjoni tat-Tribunal b'mod illi hija tghid illi hija m'ghandhiex tkun

marbuta maghha. Jidher bic-car illi hemm obbligu *ex lege* lill-Prim Ministru li legalment jirrapprezenta l-amministrazzjoni tal-Gvern jimplimenta id-decizjonijiet ta' l-istess Tribunal. Ghalhekk l-Awtorita' hija marbuta b'tali decizjoni u trid timplimentaha fil-binarji stabbiliti fl-istess decizjoni tat-Tribunal.

Illi ghalhekk ma tistax l-applikazzjoni ta' l-appellant tigi meqjusa bhala '*fresh application*' u dan ghas-semplici raguni illi l-appellant kellu japplika lill-Awtorita' fuq suggeriment tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex, skond l-istess Kummissarju, sabiex dan johroglu l-permess ghall-*kiosk ai termini* tad-decizjoni tat-Tribunal huwa kellu bilfors japplika ma' l-Awtorita'. Huwa f'dan is-sens illi l-Awtorita' ghandha titratta l-applikazzjoni maghmula mill-appellant u mhux bhala *'a fresh application'*.

2. Illi bir-rispett kollu l-esponent ma jistax jifhem kif l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qegheda sabiex taghti l-permess lill-appellant ghall-*kiosk* tieghu tadotta kriterji ta' llum il-gurnata meta skond l-istess decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji l-ingustizzja saret fl-ahhar tat-tmeninijiet.

Illi l-appellant jirrileva illi huwa minnu illi fid-decizjoni ta' l-istess Tribunal hemm indikat illi mhux bilfors tkun l-istess lokazzjoni bi preciz izda hemm ukoll illi l-lokazzjoni ghandha tkun wahda ta' l-istess importanza u m'hux biss fl-istess lokalita' izda fil-vicinanzi ta' dik illi huwa kellu qabel.

Illi l-appellant bir-rispett kollu ma jistax jifhem kif l-Awtorita' qeghda titratta l-applikazzjoni ta' l-appellant bhala wahda gdida meta l-appellant gja' kellu permess. Illi ghalhekk sabiex issir gustizzja ma' l-appellant *ai termini* tad-decizjoni tat-Tribunal ma jistghux issa jigu adottati kniterji godda u kriterji illi ma gewx applikati meta hargu l-permessi tal-*kiosks* gja' ezistenti f'Ghar id-Dud, Tas-Sliema.

Il-kriterji li ghandhom jigu adottati ghandhom ikunu dawk illi kienu *in vigore* meta skond id-decizjoni tat-Tribunal saret l-ingustizzja ma' l-appellant.

3. Illi l-appellant ma jistax jaqbel mad-decizjoni ta' l-Awtorita' meta din qalet illi huwa m'ghandux jinghata l-istess lokazzjoni ghaliex qieghed fil-vicinanzi ta' *kiosks* ohra u cjoe' f'distanza ta' anqas minn hames mitt (500) metru boghod meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi l-appellant gja' kellu permess. Wiehed ma jridx jinsa illi l-appellant kellu jinizzja proceduri quddiem it-Tribunal ta' l-Ingustizzji halli jasserixxi d-drittijiet tieghu, haga illi huwa ghamel b'success. Ghalhekk ma jistax issa snin wara u wara li haddiehor kellu c-cans illi jistabilixxi ruhu f'din iz-zona ta' Ghar id-Dud, Tas-Sliema l-appellant jigi ippregudikat b'dan il-mod daqs li kieku huwa applika issa ghall-permess tieghu.

Ghaldaqstant l-appellant umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella d-decizjoni tal-Bord ta' L-Appell Dwar l-Ippjanar datata 5 ta' Gunju, 2002 fejn gie ikkonfermat r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp u tilqa' t-talbiet ta' l-appellant ghall-hrug tal-permess.

Rat ir-risposta ta' l-appellata a fol. 9 tal-process fejn irrispondiet:

1. Illi fl-ewwel lok trid issir korrezzjoni fl-okkju tar-rikors odjern fejn *wara* l-kliem "Fil-Qorti ta' l-Appell" jizdiedu l-kliem "(Sede Inferjuri)".

2. Illi l-appell odjern interpost mill-applikant quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa null *stante* li m'huwiex qed isir minn *"punti ta' ligi decizi mill- Bord"* a tenur ta' l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992**. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell m'hijiex it-tielet istanza fejn tista' tigi kontestata kwalunkwe decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, izda jista' jsir appell ristrett biss dwar punt ta' Ligi li jkun gie deciz mill-Bord.

F’dan li-kaz l-appellant qed jikkontesta li-motivazzjonijiet li wasslu l-Bord ta’ l-Appell biex jichad l-appell quddiemu. Dawn kienu kollha motivazzjonijiet fattwali fuq *policies* ta’ l-ippjanar u m’ghandhom xejn x’jaqsmu ma’ punti ta’ Ligi decizi mill-istess Bord.

Kif kien konfermat b’mod kostanti mill-gurisprudenza ta’ din l-Onorabbli Qorti, (cf **“Dr. Alfred Grech vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** – sentenza tal-31 ta’ Mejju 1996) huwa l-Bord ta’ l-Appell biss li ghandu d-diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzoni, u din l-interpretazzoni ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor.

Altrimenti din l-Onorabbli Qorti tkun qeghda tissostiwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord ta’ l-Appell u b’hekk tagixxi ta’ tribunal tat-tielet istanza. Kullma ghamel il-Bord kien li applika dispozizzjoni tar-regolamenti ghal-kaz in dizamina, u bl-ebda mod ma ddecieda xi punt ta’ ligi dwar dan ir-regolament li dwaru kienet qamet xi kontroversja quddiem il-Bord ta’ l-Appell.

Fil-fatt din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza **“Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996), spjegat li:-

*“Din il-Qorti tista tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta’ dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appelli fuq kwistjonjjiet ta’ fatt, fuq kwistjonijtiet ta’ apprezzament ta’ provi. Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta’ dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.”*

Illi l-kaz **“Angelo Farrugia vs Chairman ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (decizjoni ta’ l-24 ta’ April 1996) fejn l-aggravju ta’ l-appellant kien li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b’mod skorrett il-Pjan ta’ Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjonliet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati.
L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, f’dan l-istess kaz, kienet qalet hekk*:*

*“Tali interpretazzjoni … hija esklussivament fil-mansjoni ta’ l-esercizzju tal-poteri ta’ l-organi ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta’ l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qeghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f’materja teknika li tispetta biss skond li-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b’ligi biex jiddetermina materji ta’ din ix-xorta”.*

Jinghad ukoll li kemm il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp kif ukoll il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Izvilupp, li huma l-organi li jistghu jevalwaw punti ta’ fatt, setghu janalizzaw l-applikazzjoni ta’ l-appellant u ghaldaqstant jezaminaw jekk il-’*policies*’ vigenti meta dahlet l-applikazzjoni kienux jikkonformaw ma’ l-applikazzjoni quddiemhom. Ghaldaqstant il-kontroversja dwar dan il-punt ghandha tigi meqjusa bhala ezawrita *stante* li din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni biex tezamina punti ta’ fatt.

Fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell bl-ismijiet **“Joseph Mifsud vs The Development Control Commission”** (decizjoni tat-30 ta’ Mejju 1997) (appeal no. 31A/96) li kienet titratta ukoll fuq *‘kiosks’*, il-Qorti ta’ l-Appell cahdet l-appell imqajjem mill-applikant *stante* li l-Bord ta’ l-Appell meta hu kien qed jinterpreta il-Pjan ta’ Struttura a rigward *‘kiosks’* ma kienx jikkostitwixxi punt ta’ dritt imma ta’ fatt.

3. Illi fuq il-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel ta’ l-appellant hu li l-Bord ta’ l-Appell qal illi *stante* li l-Awtorita’ ma kienitx parti mill-proceduri quddiem it-Tribunal ta’ l-Ingustizzji, huwa ma kienx marbut ma’ dik is-sentenza.

Illi r-ragunament tal-Bord ta’ l-Appell kien gust u jimmerita konferma ghaliex l-Awtorita’ qatt ma kienet maghmula parti mill-proceduri quddiem it-Tribunal ta’ l-Ingustizzji la fil-bidu u lanqas bhala kjamata fil-kawza u fid-decizjoni li ta' l-Onorabbli Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, m’hemm l-ebda referenza illi dik id-decizjoni ghandha tkun applikabbli lill-Awtorita’ jew li ghandha tigi notifikata lill-istess.

4. Illi jigi rilevat ukoll illi r-referenza msemmijja mill-appellant ghall-**Att VIII ta' l-1997 artikolu 7(10)** li jghid llii d-decizjoni tat-Tribunal ghandha tintbaghat lill-Prim Ministru sabiex *"jimplimenta r-rakkomandezzjonijet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakomandazzjonjijiet"* ma tapplikax fil-konfront ta' l--Awtorita' appellata ghaliex l-ebda direttivi qatt ma ntbaghtu mill-Prim Ministru lill-Awtorita' sabiex isir xi implimentar ta' dik id-decizjoni.

5. Illi bir-rispett kollu, dak li kienet tirrikjedi il-Prim Ministru hi li hu jibghat dawn id-direttivi lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex hu jimplimenta din id-decizjoni u mhux lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar li qatt ma kienet parti mill-istess proceduri quddiem it-Tribunal. Il-mankanza da parti ta' l-appellant li ma dahhalx l-Awtorita' appellata fil-proceduri ghal kull interess, m'ghandux ikun imputabbli lill-istess Awtorita'.

6. Illi ghalhekk, *stante* li l-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija giet revokata mill-Magistrat Antonio Mizzi u sussegwentement il-permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar gie revokat minhabba dan il-fatt (dan ghaliex il-permess ta' l-Awtorita' ikun suggett li jkun hemm *trading licences*), dak li kellu jaghmel l-appellant kien li jerga' japplika ghall-permess gdid mill-Awtorita' appellata u din tigi trattata bhala applikazzjoni gdida mill-Awtorita' esponenti.

7. Illi jrid jigi rilevat ukoll illi l-Awtorita' esponenti kellha bilfors titratta l-applikazzjoni ta' l-appellant bhala applikazzjoni gdida u dan ghaliex il-proceduri ghall-hrug tal-permess tal-'*kiosk*' li kien sar originarjament mill-appellant issa kien inghalaq u ghalhekk bilfors, l-Awtorita' kellha titratta ttieni applikazzjoni bhala *'fresh application'.*

8. Illi l-Awtorita' appellata hija marbuta ma' ligijiet specifici li ghandhom x'jaqsmu ma allokar ta' *'kiosks'* u ghalhekk hi kehlha ssegwihom fit-totalita' taghhom ghax hekk kellha fid-dmir taghmel. Illi l-Bord ta' l-Ippjanar kien gust fid-decizjoni tieghu li kkonferma d-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghaliex din id-decizjoni kienet ibbazata fuq ligijiet

li huma vigenti a rigward ta '*kiosks*' u ghalhekk l-appellant ma jistax jaghmel appell quddiem din l-Onorabbli Qorti peress li dawn huma punti ta' fatti u mhux ta' ligi.

9. Illi bir-rispett kollu, a rigward ta' l-ahhar aggravju, illi l-Awtorita' appellata kellha tuza kriterju ta' ippjanar ta' meta saret l-ingustizzja, qed jigi umilment sottomess illi l-ingustizzja ma saritx mill-Awtorita' appellata imma mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk l-Awtorita' esponenti kienet gusta li applikat '*policies*' vigenti dakinhar u ghaldaqstant il-Bord ta' l-Appell ta' konferma.

10. In vista tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja prodotti u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-hamsa (5) ta' Gunju 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 31 ta' Ottubru 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"George Galea kontra Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2003; u tas-7 ta' April 2003 fejn Dr Edward Zammit Lewis talab li jaghmel nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-appellant biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom 50 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghall-24 ta' Novembru 2003 ghas-sentenza.

Rat ir-rikors ta' l-appellant fejn talab li jinghata l-fakolta' li jitratta l-kaz oralment *stante* li hemm xi punti li xtaq jamplifika dwarhom oralment.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 20 ta' Novembru 2003 fejn giet michuda l-istess talba *stante* li kien ir-rikorrenti stess tramite d-difensur tieghu li talab li jaghmel nota ta'

osservazzjonijiet u kellu t-terminu li jaghmel dan, u dak li kellhu jghid setgha facilment indikaf fl-istess nota.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti b'referenza ghall-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-appell ta' l-Awtorita' appellanti tordna li ssir korrezzjoni fir-rikors ta' l-appell u kull fejn jirrikori fl-istess atti b'dan li wara l-kliem "Qorti ta' l-Appell" jizdiedu l-kliem "Sede Inferjuri").

Illi apparti dan fl-ewwel lok il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp eccepiet li dan l-appell mhux fuq punt ta' dritt u b'hekk mhux ammissibbli. Illi s-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp** jghid testwalment illi:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi din il-Qorti, tat diversi sentenzi jikkoncernaw proprju dan il-punt ta' x'jikkostitwixxi "*punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu".* Filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza ghal istess sentenzi, fosthom **"Mario Camilleri vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) hija sejra izid tghid ukoll u taghmel taghha l-insenjament li kienet ghamlet din l-istess Qorti, diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **"Joe Cortis vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et"** deciza fis-27 ta' Frar, l996 (App. Nru. 376/93) fejn intqal illi:-

*“9. Dwar id-distinzjoni bejn x'jikkostitwixxi punt ta' ligi u punt ta' fatt inkiteb hafna u kien hemm ukoll diversi decizjonijiet dwarha. Gieli d-distinzjoni tkun cara u gieli ma tkunx. F'nota dwar ligi u fatt u x'jista jammonta ghal zball f'wiehed jew fl-iehor, l-awturi* ***Beatson u Matthews*** *(ara* ***Administrative Law, <u>Cases and Materials,</u>*** *- Oxford, 2nd Ed. l989, p ll3) jistqarru li:*

*"The important distinction between errors of law and of fact can be very fine and, as has been seen, the cases do not adopt a consistent position on the correct method of making it".*

Illi ferm interessanti *‘a proposito’* hija wahda mir-rakkomandazzjonijiet li saret fir-**"Report of the Committee on Administrative Tribunals and Enquiries"** tal-1957, maghruf ahjar bhala "**The Franks Report**" fir-Renju Unit (Cmnd. 218(1957) fejn intqal *inter alia* hekk:-

*“We are firmly of the opinion that all decisions of tribunals should be subject to review by the courts on point of law. This review could be obtained either by proceedings for certiorari or by appeal. If, as we recommend, tribunals are compelled to give full reasons for their decisions any error of law in such a decision would subject the decision to quashing by order of certiorari in England, and it is now clear that the fact that the decision of the tribunal may be expressed in the statute as 'final' does not oust jurisdiction ... Moreover, an application to quash a decision on this ground is quite different from an appeal on a point of law.*

*In the former case the Court can only quash the decision, while in the latter case the court may substitute, or in effect substitute, its own decision ... In the latter case the Court can in addition look at the notes of the evidence given before the tribunal if the point of law is whether there was evidence on which the tribunal could in law have arrived at its decision. An appeal on a point of law is therefore wider in scope. For all these reasons*

*we recommend that review by the courts of decisions of tribunals should in general be provided by making the decisions subject to appeal on points of law......"*

Illi ma dan irid jizdied dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*"Irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-imsemmi Att I ta' l-1992**, hija wahda limitata hafna. Dan billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni".*

Illi *inoltre* fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** *supra* citata, inghad illi:-

*"Illi dan billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, llimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghal kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni.*

*Illi din il-Qorti tkompli tghid illi decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar jistghu jigu impunjati quddiem il-Qrati Ordinarji, fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, fl-ipotezi li l-Bord wettaq xi ingustizzja manifesta billi jkun naqas li josserva xi principju tal-gustizzja naturali. Kwistjonijiet bhala dawn, pero', ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-imsemmija dispozizzjoni."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell Nru. 54A/97) deciza fis-6 ta' Mejju 1998 intqal illi:-

*"… anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dana billi l-ligi taghti d-dritt ta' appell biss u b'mod tassattiv, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord."*

Illi konsegwentement mal-premess din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) sostniet li hija *"qeghda taghmel dina l-osservazzjoni ghaliex kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I ta' l-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn dina il-Qorti f'appelli bhal dawn.*

*Illi dan necessarjament jimplika li l-uzu w it-twettiq ta' din id-diskrezzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi provdiet ghall-possibilita' ta' sindakabilita' fuq din il-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid tidher manifestament li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke fuq l-aspetti fattwali tal-kaz".*

Illi fil-fatt intqal mill-istess Qorti f'decizjoni ohra taghha li:-

*"Jixraq li fl-ewwel lok tigi trattata u deciza l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u cjoe' li l-appell odjern kien wiehed null peress li wiehed jista' jappella minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar biss fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. L-Awtorita' ghamlet referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuel Mifsud versus L-Awtorita' tal-Ippjanar"** fejn gie espressament ritenut li l-Qorti ta' l-Appell:*

*tista tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan jfisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' Appell lanqas fuq punti ta' ligi sa kemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-fatt din il-Qorti kellha okkazzjoni li tidhol u tinvestiga din l-eccezzjoni f'numru kbir hafna ta' kawzi ricentement u ghalhekk, filwaqt li ssir espressa referenza ghal din il-gurisprudenza ricenti ta' din il-Qorti, ma jidhirliex li ghandha tahli aktar hin biex tenfasizza il-gurisdizjoni limitata li din il-Qorti ghandha f'appelli statutorji bhal dawn minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi ghalhekk din il-Qorti qed taghmel riferenza ghall-istess sentenzi ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta nkluzi **"Manwel Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002); **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002 - Appell Numru 8/2001);u **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) – Appell Numru 9/2001) fost l-ohrajn.

Illi ovvjament jigi precizat li din il-limitazzjoni fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ma tfissirx li l-appellant ma ghandux rimedji ohra, anke quddiem dawn il-Qrati, sabiex iressaq 'il quddiem l-ilment tieghu fuq l-allegazzjonijiet minnu vantati, izda dan mhux necessarjament quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell minn punti ta' dritt decizi mill-Bord ta' l-Appell, ghaliex l-ezami li trid u ghandha

taghmel din il-Qorti huwa biss fl-ambitu ta' dak provdut fl-**artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992**, u kull konsiderazzjoni ohra hija *"ultra vires"* ghal din l-istess Qorti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill- Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' April 1996 intqal illi:-

*"Jista' biss isir appell mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata. Hu superfluwu li jigi notat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell - Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi.*

*F'sistema gudizzjarju fejn mhux permess rikors ghat-tielet qorti ta' appell, hu ghalhekk li hu biss konsentit bil-ligi appell lil din il-Qorti f'kazijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Bord espressa fid-decizjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' revizjoni fuq il-fatti in kawza, din il-Qorti ghandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jigu osservati r-regoli tal-gustizzja naturali u l-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji fiha enuncjati."*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, gie riaffermat il-principju li:-

*"Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravat tista tappella, trid tkun diga qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u*

*l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu."*

Illi sentenza ohra li sewgiet dan l-principju kienet **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie kkonfermat b'termini precizi li:-

*"L-artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell.*

*Illi johrog car minn ezami akkurat ta' din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dana jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata"*.

Illi ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif appena inghad hawn fuq, ma hemm l-ebda dubju li kif inghad fis-sentenza **"Jack Galea vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** ((Appell Numru 213/99) deciza fid-19 ta' Novembru 2001) il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata ghal revizjoni tad-decizjonijiet tal-Bord in kwantu biss fihom ikun hemm xi punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-istess Bord.

Illi tenut kont tal-premess sabiex tigi deciza l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-appellati wiehed irid ihares lejn l-appell maghmul mill-appellanti.

Illi ghas-soluzzjoni ta’ dan il-kwezit qed issir referenza ghall-fatti li wasslu ghall-kwistjoni odjerna. Fil-fatt jirrizulta li hemm decizjoni moghtija mit-Tribunal ta’ l-Ingustizzji favur l-appellant kontra l-Kummissarju tal-Pulizija fil-kawza fl-ismijiet **“George Galea vs Kumissarju tal-Pulizija”** (Rikors Numru 40/97) moghtija fl-1 ta’ Ottubru 1998 fejn l-istess Tribunal sab l-ilment tar-rikorrenti hemm maghmul gustifikat u rrikmanda *“fixed site u dan f’Ghar id-Dud, Sliema, fl-istess area fejn kien qabel [dan ma jfissirx ezatt l-istess bicca art, izda wahda fl-istess lokalita’, u ta’ l-istess importanza, u fil-vicinanzi ta’ fejn kien qabel u b’mod li jkollu verament fixed site”.*

Illi l-istess rikorrenti jallega li konsegwenti ghall-istess decizjoni huwa gie dirett mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprezenta applikazzjoni ghall-permess mill-Awtorita’ tal-Ippjanar u fil-fatt din l-applikazzjoni mertu tal-kawza odjerna qed jghid li saret fuq insistenza ta’ l-istess Kummissarju tal-Pulizija, li skond ir-rikorrenti informah li dan huwa necessarju qabel kull hrug tal-permess ghall-*kiosk* lill-appellant. Illi b’hekk l-appellant kien applika ghal *“fixed site location for mobile kiosk”* f’sit f’Ghar id-Dud, Sliema. L-applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u sar appell quddiem il-Bord ta’ l-appell dwar l-Ippjanar li permezz ta’ decizjoni datata 5 ta’ Gunju 2002 ikkonferma r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp. Illi hawn l-appellant interpona l-appell odjern.

Illi minn hawn il-Qorti waslet biex tara x’inhu l-ilment ta’ l-istess rikorrenti u dan kollox in konnessjoni ma’ din l-ewwel eccezzjoni ta’ l-istess appellat. Fil-fatt l-appellant qed jghid li ghalkemm huwa minnu li l-Awtorita’ ma kenitx parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta’ l-Ingustizzji dan ma jfissirx illi r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal m’ghandhiex tigi mplimentata fit-totalita’ taghha. Huwa jsostni li skond l-**artikolu 7 (10) tal-Att VIII ta’ l-1997** huwa d-dmir tar-Registratur ta’ l-istess Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji li jizgura li d-decizjoni tat-

Tribunal tintbaghat lill-Prim Ministru fi zmien ghaxart (10) ijiem minn meta tinghata. *Inoltre* rrefera wkoll ghall-**artikolu 11 ta' l-imsemmi Att** li jipprovdi li huwa d-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ssottometta li l-Awtorita' ma tistax tinterpreta d-decizjoni tat-Tribunal b'mod illi hija tghid li m'ghandhiex tkun marbuta maghha. Illi minhabba li hemm obbligu *ex lege* li l-Prim Ministru li legalment jirrapresenta l-amministrazzjoni tal-Gvern jimplimenta d-decizjonijiet ta' l-istess Tribunal, allura l-Awtorita' hija marbuta b'tali decizjoni u trid timplimentaha fil-binarji stabbiliti mit-Tribunal. Illi ghalhekk l-applikazzjoni tieghu ma kellhiex titqies bhala *fresh application* minhabba li huwa kellu japplika lill-Awtorita' fuq suggeriment tal-Kummissarju tal-Pulizija

Illi kwindi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li l-Awtorita' ma kellhiex tqis l-applikazzjoni tieghu bhala *fresh application* minhabba li huwa applika fuq insistenza tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista' jinhariglu l-permess ghall-*kiosk* u dan wara li nghatat decizjoni mit-Tribunal ta' l-Ingustizzji kontra l-istess Kummissarju. Illi minhabba li l-Awtorita' hija parti mill-amministrazzjoni tal-Gvern hija ghandha tkun marbuta bl-istess decizjoni.

Illi fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar rrefera ghall-**artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru 1 tal-1992.** In vista ta' l-istess huwa kkonkluda li dan l-artikolu ma jinkludix bhala wiehed mill-fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni li l-Awtorita' ghandha tapplika decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji ghax dan *"certament mhuwiex wiehed li ghandu x'jaqsam ma' ppjanar u kkunsidrat mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp strettament fid-diskrezzjoni taghha, f'kaz illi kienet tqis illi dan il-fattur kien rilevanti u ta' sustanza."*

Illi fil-fatt l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ikkonkluda s-segwenti:-

*"Illi minn ezami tal-ipprocessar ta' l-applikazzjoni, dan il-Bord huwa tal-fehma illi din l-applikazzjoni ghandha tigi kkunsidrata unikament fuq il-merti taghha u l-fatturi li ghandhom jigu kkunsidrati huma dawk kollha li jistghu jkun rilevanti ghall-kaz in ezami bill-fattispecje partikolari taghha u mhux unikament minhabba decizjoni li qieghed jiccita l-appellant li ghaliha l-Awtorita' ma kenitx parti. Is-sentenza ta' l-Onorabbli Tribunal ta' l-Ingustizzji ma torbot l-ebda mod lill-Awtorita' u lanqas lil dan il-Bord izda tikkostitwixxi biss prova ta' decizjoni fir-rigward ta' ingustizzja fil-konfront ta' l-appellant da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' ordni lilu sabiex din l-ingustizzja tigi rimedjata u ghaldaqstant, ghandhom jigu kkunsidrati l-ewwel u qabel kollox il-policies rilevanti tal-ippjanar u l-Awtorita' ghandha tizgura illi l-izvilupp propost jikkonforma maghhom."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan fih innifsu huwa punt ta' dritt ghaliex il-Bord iddecieda dwar jekk huwa hux marbut jew le bid-decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u dan il-punt jaffetwa l-konsiderazzjoni legali li tali Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kellu jikkonsidra sabiex jasal ghad-decizjoni u ghalhekk il-gurisdizzjoni tieghu tieghu apparti l-applikablita' tal-ligijiet quddiemu. Ghalhekk isegwi li l-appell kif interpost jaqa' fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta.

Illi hawn il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-mertu ta' l-appell ta' l-istess rikorrenti fejn l-istess rikorrenti qed isostni li d-decizjoni tal-imsemmi Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kellha tigi implimentata *in toto* mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi fil-fatt l-appellant isostni li ladarba nghatat dik is-sentenza mit-Tribunal favurih (fejn huwa rrefera ghal diversi artikoli fl-**Att VIII ta' l-1997** fosthom **artikolu 7(11)** li jipprovdi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet), huwa argumenta la darba l-Prim Ministru legalment jirrapprezenta l-

amministrazzjoni tal-Gvern u kwindi l-Awtorita', l-istess Awtorita' appellata hi marbuta b'tali decizjoni u allura l-applikazzjoni tieghu ma ghandhiex titqies bhala *fresh application,* proprju ghax din saret in segwitu ghall-proceduri li ttiehdu minnu fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u li nghatat sentenza li tat ragun lill-appellant.

Illi min-naha l-ohra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar issostni li ladarba hija ma kinitx parti mill-proceduri li wasslu ghas-sentenza tat-Tribunal hija m'hiex marbuta bl-istess.

Illi huwa opportun li f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **"Anthony J. Bartolo noe vs J.M.Vassallo noe et"** (P.A. (TM) tat-3 ta' Ottubru 2002 321/1995/TM) fejn gie ritenut li:-

*"Ovvjament sentenza taghmel stat u torbot biss fil-konfront ta' dawk li jkunu parti fiha, u ma taghmlix stat fil-konfront ta' persuni li ma jkunux parti fiha."*

Illi dan ma huwa xejn hlief ennunzcjazzjoni tar-regoli generali tal-ligi u il-principju ta' *'res inter alios acta"* assodat fil-gurisprudenza nostrali.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar *ut sic* ma kenitx parti mill-proceduri quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjonijiet ta' l-Ingustizzji u kull decizjoni moghotija minnha ma tikkostitwiex stat fil-konfront taghha u certament ghalhekk li hija bhala Awtorita' ma hijiex marbuta biha u taht l-ebda cirkostanza ma jista' li hija obbligata li tesegwixxi l-istess decizjoni.

Illi pero' hemm iktar minn hekk ghaliex wiehed irid jara f'inhu l-effett legali tad-decizjoni ta' l-istess imsemmi Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji stabit bil-**Kap 394 tal-Ligijiet ta' Malta,** u fl-**artikolu 7 (11)** ta' l-istess jinghad li d-decizjoni hija deskritta bhala *"rakkomandazzjoni"* li l-Prim Ministru huwa *"fid-dmir li jimplimenta ……..billi jistabilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet".*

Illi apparti li fil-mertu ta’ l-appell u mill-atti proceswali attwali ma jidhirx li gie ppruvat li ntbaghtu xi direttivi mill-Onorevoli Prim Ministru ma hemm l-ebda dubju li tali decizjoni ta’ l-imsemmi Tribunal apparti li diretta lejn l-intimat fl-istess proceduri hemm istitwieta, hija permezz tal-**artikolu 7 (10) tal-Kap 394** indirizzta bil-mod hemm stabilit lill-istess awtorita’, u ghalhekk bl-ebda mod ma tikkostitwixxi stat u/jew gudizzju fil-konfront ta’ l-Awtorita’ appellata odjerna.

Illi minn hawn isegwi li l-applikazzjoni li giet maghmula mill-istess appellanti odjern quddiem l-imsemmija Awtorita’ ta’ l-Ippjanar kellha tigi deciza, kif fil-fatt tigi deciza fl-ambitu tal-ligi li tirregola l-izvilupp u l-Ippjanar kollox abbazi tal-**Kap 356 tal-Ligijiet ta’ Malta** inkluz l-**artikolu 33 ta’ l-istess,** u hekk jidher u jirrizulta li ghamel l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu, tant li wara li ha konjizzjoni tal-*policies* vigenti ghall-kaz *de quo,* u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz, inkluz l-imsemmija decizjoni ta’ l-istess Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, ddecieda l-mertu ta’ l-istess applikazzjoni fuq bazi ta’ regolamenti, ligi u *policies* ta’ l-ippjanar, li *in verita’* huma l-ligi li fuqhom l-istess Bord ghandha l-kompetenza li jiggudika.

Illi dwar l-aggravji l-ohra ta’ l-istess appellant, lkoll naxxenti mis-sottomissjonijiet tieghu dwar in-natura tad-decizjoni ta’ l-istess Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, jidher li l-istess Bord ta’ l-Appell ha konjizzjoni ta’ l-istess, tant li ghamel ukoll rakkomandazzjonijiet huwa fil-konfront ta’ l-istess fatti allegati, izda jidher car li hawn si tratta ta’ konsiderazzjonijiet li kienu u baqghu fil-kompetenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u mhux fil-kompetenza ta’ din il-Qorti, u dan anke *in vista* ta’ dak li inghad fid-decizjonijiet fuq citat ta’ din il-Qorti, u ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, inkluz dik fl-ismijiet **“Charles Demicoli vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) – 27 ta’ Jannar 2003) fejn jinghad li:-

*“Illi dan qed jinghad apparti l-fatt, li stabbilit li r-regolamenti u l-policies applikabbli ghall-kaz odjern huma dawk vigenti fil-mument tad-decizjoni tal-ghoti jew rifjut mill-Awtorita’ ta’*

*l-Ippjanar jew minn wiehed mill-organi kompetenti taghha, u li dawn gew applikati korrettament mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-argumentazzjoni ta' l-istess appellanti dwar dawk il-policies li ghalih kienu applikabbli, (li in verita' huma skorretti), tikkostitwixxi fl-opinjoni ta' din il-Qorti biss interpretazzjoni ta' l-istess policies, li certament tispetta lil-istess Awtorita' esklussivament, la darba ma hemm xejn kontra l-ligi, fit-terminu wiesgha taghha kif applikata f'dawn it-tip ta' proceduri dwar zvilupp u ppjanar".*

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-applikazzjoni kellha tigi kkunsidrata kif fil-fatt giet kkunsidrata skond ir-regoli ta' zvilupp u pjanar vigenti u abbazi ta' l-istess ligi u gurisprudenza konstanti l-istess Awtorita' kellha *addirittura* l-obbligu li taghmel dan ghaliex altrimenti tkun hija stess li qed tmur kontra l-ligi.

Illi dan huwa ormai affermat fis-sentenza **"Emanuel Saliba vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2002 - App.Nru: 10/01/RCP) fejn intqal li:-

*"La applika ghal xi haga gdida,….., huwa jrid joqghod ghall-ligijiet u policies vigenti llum fil-pajjiz." (*Vide konferma ta' dan **"Joseph Cassar vs Awt. Ippjanar" –** 31 ta' Mejju 2002). Ili ghalhekk aggravji l-ohra ta' l-appellanti qed jigu michuda.

Illi ghall-kompletezza jinghad li l-ilemtni l-ohra kollha maghmula mill-istess rikorrenti inkluz dak fejn qed jghid li huwa ma jaqbilx mad-decizjoni ta' l-Awtorita' meta din qalet illi m'ghandux jinghata l-istess sit jew lokazzjoni ghax qieghed fil-vicinanzi ta' *kiosks* ohra, ma hemm l-ebda dubju li dan huwa aggravju fattwali li din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza tissindika kif fuq ezawrjentement inghad.

Illi jigi enfassizat li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, ukoll bhala korp awtonomu, hija marbuta ma' ligijiet specifici dwar kull zvilupp inkluz dawk li ghandhom x'jaqsmu ma' hrug ta' permessi ghall *kiosks* u b'hekk hi obbligata li tapplikahom

u responsabbli ghall-istess u din hija fil-kompetenza esklussiva taghha.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qieghed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad *in parte*, it-tieni eccezzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-risposta taghha tat-3 ta' Lulju 2003 u tilqa' ghall-kumplament skond kif inghad f'din id-decizjoni, **tichad l-appell interpost mir-rikorrenti fir-rikors ta' l-appell tieghu datat 14 ta' Gunju 2002,** b'dan li tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"George Galea vs Il-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp"** moghtija fil-5 ta' Gunju 2002.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant George Galea.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------